# Il-Ħadd 15.03.2020

1. Naraw li f'dan iż-żmien straordinarju minħabba l-*Coronavirus* (COVID-19), waqt li nisimgħu sewwa u nħarsu d-direttivi li qed ningħataw mill-awtoritajiet tas-saħħa, u bħala nsara dak ukoll li jgħidulna l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, naraw li nibqgħu ningħaqdu u nissaħħu bit-talb, inkluż bil-quddiesa li nistgħu nissieħbu fiha b'xandiriet fuq TVM2, www.knisja.mt, www.Quddies.com.mt, u Newsbook.com.mt. Fuq kollox naraw li ma ntellgħux ħitan li jifirduna minn xulxin, imma li b'għaqal u b'responsabbiltà nieħdu ħsieb saħħitna, inkluż ruħna, kif wkoll nieħdu ħsieb xulxin, anke billi permezz ta' xi telefonata, naraw li l-familjari / ġirien tagħna jkunu jinsabu tajbin u mhumiex imċaħħda minn xi bżonnijiet essenzjali tal-ħajja. Waqt li nitolbu lil Alla u għal xulxin, speċjalment għal min jaħdem fil-qasam mediku, tiddejqux tinfurmawni jekk ikollkom bżonn xi għajnuna urġenti billi tibgħatuli email: parrocca.safi@maltadiocese.org, jew iċċemplu fuq 21649223, (Tel. no. tal-Uffiċċju) jew 79604561 (Mob. no. tal-Kappillan).

2. Ilum 15/03, **it-Tielet Ħadd tar-Randan**:
   https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20web/pdfs/SENA%20A/3ranA.pdf
   - **QARI I** - Eż 17, 3-7: Agħtina ilma x'nixorbu.
   - **SALM RESPONSORJALI** - Salm 94 (95), 1-2.6-7.8-9:
     Illum jekk tisimgħu leħen il-Mulej, la twebbsux qalbkom
   - **QARI II** - Rum 5, 1-2.5-8:
     L-Imħabba ssawbet fina permezz tal-Ispirtu mogħti lilna.
   - **AKKLAMAZZJONI QABEL L-EVANĠELJU** - Ara Ġw 4, 42.15:
     Mulej, inti tassew is-Salvatur tad-dinja:
     agħtini l-ilma tal-ħajja, biex ma jaqbadnix l-għatx.
   - **L-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN** - Ġw 4, 5-42:
     Għajn ta' ilma li jnixxi sal-ħajja ta' dejjem.

3. Il-Ħamis 19/03, **Solennità ta' San Ġużepp, ir-Raġel ta' Marija, Omm Alla**.
   - Tajjeb li llum b'ħeġġa nitolbu lil Alla bl-interċessjoni ta' dan ir-raġel ġust u qaddis.

4. Il-Ħadd 22/03, **ir-Raba' Ħadd tar-Randan**:
   https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20web/pdfs/SENA%20A/4ranA.pdf
   - **QARI I** - 1 Sam 16, 1b.6-7.10-13a: David ikkonsagrat sultan ta' Iżrael.
   - **SALM RESPONSORJALI** - Salm 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6:
     Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni
   - **QARI II** - Ef 5, 8-14: Qum mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu.
   - **AKKLAMAZZJONI QABEL L-EVANĠELJU** - Ara Ġw 8, 12:
     Jiena d-dawl tad-dinja, jgħid il-Mulej; min jiġi warajja jkollu d-dawl tal-ħajja.
   - **L-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN** - Ġw 9, 1-41: Mort, inħsilt, u ġejt nara.

5. Għandna l-ħtieġa li jsir it-tindif ta' xi Oqbra tal-Komun li jinsabu fiċ-Ċimiterju tagħna. L-oqbra li ser jitnaddfu huma dawk li jġibu n-numri minn 101 sa' 109.
   Il-Familjari mitlubin jikkuntatjaw lill-Kappillan.

6. Nitolbu għal Catherine Zammit u Klement Busuttil,
   li għaddew għal ħajja ta' dejjem. Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ...

- **TALBA LIL SAN ĠUŻEPP:**

O Mqaddes Ġużeppi, fil-hemm li fih ninsabu, lejk nirrikorru u b'tama qawwija nsejħu l-patroċinju tiegħek, wara dak tal-Għarusa Mqaddsa tiegħek.

Mela f'ġieħ dik ir-rabta għażiża ta' mħabba li biha kont marbut max-Xebba bla tebgħa, omm Alla, u f'ġieħ dik l-imħabba ta' missier li biha ħabbejt lit-tfajjel Ġesù, nitolbuk li tħares ħarsa ħelwa lejn il-wirt għażiż, li Ġesù Kristu rebaħ b'demmu, u bis-setgħa u bil-għajnuna tiegħek tidħol għalina fil-bżonnijiet tagħna.

Kif int, O Ġużeppi, kont taħseb f'din l-art għall-Familja Mqaddsa u tħarisha, hekk ukoll ħu ħsieb tal-familja maħtura ta' Ġesù Kristu. Eqred minn ġo nofsna, Missier ħanin, din il-pesta ta' erruri u ta' ħażen li qegħdin imarrdu d-dinja. Ieqaf magħna mis-smewwiet, f'din il-gwerra li għandna mal-qawwa tad-dlamijiet, o Protettur qawwi tagħna. U kif darba ħlist mill-mewt lill-Bambin Ġesù, hekk issa iddefendi l-Knisja Mqaddsa t'Alla mit-tnassis tal-għedewwa u minn kull hemm.

Xerred dejjem fuq kull wieħed u waħda minna l-patroċinju tiegħek, sabiex bl-eżempju u bil-għajnuna tiegħek, nistgħu ngħixu ħajja qaddisa, nagħmlu mewta tajba, u naqilgħu l-hena ta' dejjem ġewwa l-ġenna. Ammen.